MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 378/2005

Faces **Consultants Ltd (C24388)**

**vs**

**L-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' April 2011, il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju fejn l-isem ghandu jaqra "Awtorita' ghat-Trasport f'Malta" minflok "Awtorita' Dwar it-Trasport f'Malta"**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Faces Consultants Ltd (C24388), li permezz taghha, wara li gie premess illi:

L-Awtorita' konvenuta harget Tender maghruf bhala "The Tender for the Leasing of Scheduled Sites & the Design, Fabrication, Installation & Management of Billboard Advertisement Signs on the Same Sites Advert No. 434/CSD/2004/2" relattiv ghal numru ta' "sites" f'Malta u Ghawdex ghall-finijiet ta' reklamar permezz ta' billboards;

Is-socjeta' attrici ghamlet offerta' ghall-Billboard Sites kollha indikati fl-istess Tender;

B'ittra datata 4 ta' Marzu 2005 (anness Dok. 'A'), l-Awtorita' konvenuta nfurmat lis-socjeta' attrici li kienet ser tikkonsidra favorevolment parti mill-offerta' taghha, ossia limitatament ghal numru ta' "billboard sites" minn fost dawk indikati fl-offerta' tas-socjeta' attrici;

Is-socjeta' attrici hassitha aggravata bid-decizjoni tal-Awtorita' li ma tallokax lilha l-"billboard sites" kollha indikati fl-imsemmija offerta' taghha;

Is-socjeta' attrici, permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2005 (anness Dok. 'B') ipprezentat "letter of objection" ai termini tal-Avviz Legali 299/03 (Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici) sabiex tibda l-process tal-appell mid-decizjoni tal-Awtorita' konvenuta hekk kif kontemplat fl-istess Avviz Legali. L-

imsemmija "letter of objection" kienet akkompanjata b'depozitu fl-ammont ta' Lm3,241.20 hekk kif rikjest mill-A.L. 299/03;

Permezz ta' ittra datata 22 ta' Marzu 2005 (anness Dok. 'C'), l-Awtorita' konvenuta informat lis-socjeta' attrici li r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici ma kinux applikabbli ghall-kaz in ezami minhabba n-natura tal-istess Tender, izda l-Awtorita' ma spjegat bl-ebda mod tali allegazzjoni. In oltre, fl-istess ittra, l-Awtorita' indikat li hi ma kinitx qed taqbel fil-mertu mal-oggezzjoni tas-socjeta' attrici. Flimkien mal-imsemmija ittra, l-Awtorita' konvenuta irritornat lis-socjeta' attrici d-depozitu fl-ammont ta' Lm3,241.20 u indikat li kienet ser tkompli bil-process tal-aggudikazzjoni tal-imsemmi Tender;

Fit-30 ta' Marzu 2005, l-attrici pprezentat Protest Gudizzjarju (Protest Numru 126/05 – Anness Dok. 'D') fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta li bih, filwaqt li gabet a formali konjizzjoni tal-istess Awtorita' konvenuta l-fatt li l-agir taghha hekk kif premess kien illegali, interpellat lill-istess Awtorita' konvenuta sabiex tkompli bil-process tal-A.L. 299/03 sabiex b'hekk l-oggezzjoni tas-socjeta' attrici tingieb a konjizzjoni tal-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici kostitiwit bir-Regolament 30 tal-A.L. 299/03 u zammet lill-istess Awtorita' konvenuta responsabbli ghad-danni u poggiet lill-istess Awtorita' in dolo, mora u culpa ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Kontestwalment mal-imsemmi protest gudizzjrju, is-socjeta' attrici ddepozitat l-imsemmi ammont ta' Lm3,241.20 fir-registru tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz ta' cedola ta' depozitu (Cedola numru 502/05 – anness Dok. 'E');

Minkejja tali interpellazzjoni, l-Awtorita' konvenuta baqghet issostni l-pozizzjoni taghhau permezz ta' kontro-protest gudizzjarju pprezentat fis-7 ta' April 2005 (anness Dok. 'F'), l-Awtorita' konvenuta tenniet il-pozizzjoni assunta in precedenza fl-imsemmija ittra taghha datata 22 ta' Marzu 2005;

L-agir premess tal-Awtorita' konvenuta huwa kjarament illegali u ultra vires stante li:

a) L-Awtorita' konvenuta kienet tenuta li tirreferi l-kaz illi l-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici u ma setghetx tiddeciedi hija stess li l-procedura tal-appell minn decizjoni taghha ma kinitx applikabbli, wisq inqas setghet tiddeciedi hi li l-oggezzjoni ma kinitx wahda valida. In oltre, ir-raguni moghtija mill-Awtorita' konvenuta fis-sens li l-oggezzjoni tar-rikorrenti mhux sostanzjata mhix fondata stante li kull mhuwa mehtieg mil-Ligi sabiex tinbeda l-procedura tal-appell huwa li tinghata "notice of objection" u xejn aktar, ir-raguni dettaljati ghall-istess oggezzjoni jinghataw fi stadju ulterjuri tal-proceduri (Regolament 103(2)(e)(i) tal-A.L. 299/03). B'tali agir, l-Awtorita' konvenuta qed tuzurpa funzjonijiet li l-Ligi taghti lill-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici kostitwit bir-Regolament 30 tal-A.L. 299/03;

b) L-Awtorita' konvenuta ma tistax tinjora s-sospensjoni tal-procedura ghall-ghoti tal-kuntratt konsegwenti ghall-imsemmi Tender, liema sospensjoni hija dettata espressament mir-Regolament 103(1) tal-A.L. 299/03;

Bl-agir taghha, l-Awtorita' konvenuta qed tittanta li ccahhad lis-socjeta' mill-jedd ta' access ghall-Bord tal-Appell dwar Kuntratti

Pubblici u in oltre, l-istess Awtorita' konvenuta qed tuzurpa funzjonijiet li mhumiex taghha b'mod li huwa kjarament illegali u ultra vires;

Sabiex tikkawtela l-jeddijiet taghha, is-socjeta' attrici ottjeniet mandat ta' inibizzjoni fil-konfront tal-Awtorita' konvenuta (Inibizzjoni Numru 597/05).

Talbet is-socjeta' konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi ghar-ragunijiet premessi, id-decizjoni tal-Awtorita' konvenuta hekk kif kontenuta fl-ittra taghha datata 22 ta' Marzu 2005 (anness Dok. 'C') u sussegwentement ribadita fil-kontro-protest gudizzjarju datat 7 ta' April 2005 (anness Dok. 'F') hija ultra vires u llegali u bhala tali hija nulla ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi;

Tordna lill-Awtorita' konvenuta li tkompli bil-procedura kontemplata fir-Regolament 103 tal-A.L. 299/03 sabiex l-oggezzjoni tas-socjeta' attrici tigi riferita lill-Bord tal-Appell dwar Kuntratti Pubblici ai termini tal-Ligi u li pendenti l-ezitu tal-procedura msemmija l-Awtorita' konvenuta tissospendi l-aggudikazzjoni tat-Tender hawn riferit ai termini tal-Ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk relattivi ghall-protest gudizzjarju datat 30 ta' Marzu 2005 (Protest Numru PA 126/05), ic-cedola ta' depozitu datata 30 ta' Marzu 2005 (Cedola Numru PA 502/05) u dawk relattivi ghall-mandat ta' inibizzjoni (Inibizzjoni Numru

597/05) a karigu tal-Awtorita' konvenuta, rapprezentanti ta' liema huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Vincent Farrugia.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, li in forza taghha eccepiet illi:

Fil-mertu, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-Avviz Legali 299/03 ("Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici") citat mis-socjeta' attrici huwa kompletament inapplikabbli ghall-kaz odjern u dan kif ampjament spjegat fil-kontro-protest intavolat mill-Awtorita' hawn anness u mmarkat bhala Dok. "AD1", u kif spjegat fid-dettall fid-dikjarazzjoni hawn annessa u kif ser jigi ppruvat ahjar fil-mori ta' din il-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat il-kontro-talba mressqa mill-Awtorita' konvenuta, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Fl-2004, l-Awtorita' ippubblikat it-*Tender for the Leasing of Scheduled and Sites and the Design, Fabrication, Installation & Management of Billboard Advertisement Signs on the Same Sites* – **Advert No. 434/CSD/2004/2**, liema sejha kienet tikkonsisti f'offerta' ta' koncessjoni ta' hames snin ghall-uzu ta' siti partikolari fuq diversi toroq sabiex jitwaqqfu *billboards* permanenti illi kellhom ikunu gestiti esklussivament mill-kuntrattur jew kuntratturi diversi illi jirnexxu.

Taht l-eventwali kuntratti ta' koncessjoni, il-kuntratturi maghzula ma kienu ser jircievu l-ebda remunerazzjoni minghand l-Awtorita', anzi kif indikat aktar 'il fuq kellhom ihallsu *concession fee* annwali f'kunsiderazzjoni ghad-dritt koncess lilhom illi juzaw is-siti lilhom aggudikati. L-unika konsiderazzjoni illi kellhom jircievu l-kuntratturi maghzula kienet id-dritt ta' esplojtazzjoni tal-ghoti tas-servizz ta' reklamar lill-entitajiet interessati fuq il-*billboards* imwaqqfa minnhom fuq is-siti.

L-Awtorita' konvenuta rikonvenjenti, wara li ghamlet l-aggudikazzjoni tat-tenders sottomessi, baghtet ittri datati l-4 ta' Marzu 2005, lit-tenderers li rnexxew, fosthom is-socjeta' attrici rikonvenuta, kopji ta' liema ittri huma hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. 1", "Dok. 2" & "Dok. 3", fejn informathom liema mis-siti li ghalihom kienu ssottomettew tender kienu gew fil-fatt aggudikati lilhom u stednithom sabiex jersqu ghall-iffinalizzar tal-Allocation Agreements relattivi kif rikjest mir-Regolamenti dwar it-Tqeghid tal-Billboards fit-Triq (L.S. 332.09), kopja hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. 4".

Is-socjeta’ attrici rikonvenuta ssottomettiet ittra ta’ oggezzjoni datata s-17 ta’ Marzu 2005, illi hija ddikjarat illi kienet qieghda tibghatha ai termini tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (L.S. 174.04), fejn hija, filwaqt illi kkonfermat l-accettazzjoni taghha tas-siti illi kienu gew lilha aggudikati, oggezzjonat ghall-fatt illi l-Awtorita’ konvenuta rikonvenjenti ma kinitx aggudikat lilha wkoll is-siti l-ohrajn kollha, liema ittra kienet akkumpanjata b’cekk ta’ Lm3,241.20.

Ir-Regolamenti citati mis-socjeta’ attrici rikonvenuta huma assolutament inapplikabbli ghat-tender in kwistjoni, stante illi l-kuntratti illi kellhom jinghataw tahtu huma mid-definizjoni ta’ kuntratti pubblici skont l-istess regolamenti stante illi jinkwadraw bhala “<u>kuntratti ghall-akkwist jew kiri, b’liema mezz finanzjarju jkun, ta’ **art**, bini ezistenti, jew proprjeta’ immobbli ohra **jew li jirrigwardaw jeddijiet fuqhom**</u>” u ”<u>kuntratti ta’ koncessjoni ta’ servizz pubbliku</u>”.

Wara li nnotifikat lid-Direttur tal-Kuntratti, l-Awtorita’ konvenuta rikonvenjenti zammet laqgha mal-istess direttur u l-ezitu ta’ din il-laqgha kienet illi stante illi t-tender in kwistjoni ma kienx jaqa’ fil-parametri ta’ applikazzjoni tar-Regolamenti, lanqas il-mekkanizmu ta’ appell ma kien japplika u li ghalhekk ic-cekk ta’ depozitu kellu jigi ritornat lis-socjeta’ attrici rikonvenuta u l-process tal-iffinalizzar tal-kuntratti relattivi kellu jipprocedi.

Ghalkemm dan kollu gie ampjament spjegat lis-socjeta’ attrici rikonvenuta, ukoll permezz tal-kontro-protest intavolat mill-Awtorita’ konvenuta rikonvenjenti, hawn anness u mmarkat bhala “Dok. 4”, is-socjeta’ attrici rikonvenuta ntavolat rikors ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni sabiex l-Awtorita’

konvenuta rikonvenjenti tigi inibita milli tkompli bil-process ta' aggudikazzjoni, liema rikors gie milqugh u dan meta r-risposta tal-Awtorita' konvenuta rikonvenjenti ma gietx ikkunsidrata stante illi din giet *fuori termine*.

Il-mandat hawn fuq imsemmi gie segwit bil-kawza odjerna u l-Awtorita' konvenuta rikonvenjenti ma setghetx tipprosegwi bl-iffinalizzar tal-kuntratti, hija tilfet introjtu immedjat ta' kwazi sittin elf lira Maltin (Lm60,000), u dhul totali u assikurat ta' mitejn, sebgha u disghin elf, tliet mija u sittin lira Maltin (Lm297,360) fuq perjodu ta' hames snin u dan kif jirrizulta mill-ittri li kienu ntbaghtu lill-offerenti li rnexxew hawn annessi u mmarkati bhala "Dok. 1", "Dok. 2" & "Dok. 3".

Is-socjeta' attrici rikonvenuta bl-agir abbusiv u llegali taghha hija unikament responsabbli ghal danni ingenti kkawzati lill-Awtorita' konvenuta rikonvenjenti.

Talbet is-socjeta' attrici tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi u tiddikjara illi r-Regolamenti (L.S. 332.09) huma assolutament inapplikabbli ghat-tender in kwistjoni, stante illi l-kuntratti illi kellhom jinghataw taht l-istess tender huma eskluzi mid-definizjoni ta' kuntratti pubblici skont l-istess regolamenti stante illi jinkwadraw bhala "<u>kuntratti ghall-akkwist jew kiri, b'liema mezz finanzjarju jkun, ta' **art**, bini ezistenti, jew proprjeta' immobbli ohra **jew li jirrigwarda jeddijiet fuqhom**</u>" u "<u>kuntratti ta' koncessjoni ta' servizz pubbliku</u>" u ghalhekk lanqas il-mekkanizmu ta' appell, li johrog minn

regolament numru 103 citat mis-socjeta’ attrici rikonvenuta, ma japplika.

Tiddeciedi u tiddikjara illi s-socjeta’ attrici rikonvenuta bl-agir abbusiv u llegali taghha hija unikament responsabbli ghal danni ingenti kkawzati lill-Awtorita’ konevnuta rikonvenjenti.

Tillikwida, okkorrendo bil-hatra ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-Awtorita’ konvenuta rikonvenjenti, jew li din tista’ ssofri, minhabba illi ma thallietx tipprosegwi bl-iffinalizzar tal-kuntratti.

Tikkundanna lis-socjeta’ attrici rikonvenuta thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ attrici rikonvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ rikonvenzjonata, li in forza taghha eccepiet illi:

Preliminarjament, it-talbiet rikonvenzjonali proposti mill-Awtorita’ rikonvenjenti huma improponibbli stante li ma jissussistux l-elementi preskritti mil-Ligi sabiex l-Awtorita’ rikonvenjenti tkun tista’ tutilizza l-procedura rikonvenzjonali;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ewwel talba rikonvenzjonali hija improponibbli billi qed tistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddetermina *a priori* l-kompetenza tal-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici, liema kwistjoni hija qabel xejn riservata lill-istess Bord imbaghad *se mai* soggetta ghall-istharrig *ex post* da parti tal-qrati ordinarji;

Sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-Awtorita' rikonvenjenti huma fi kwalsiasi kaz kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat l-affidavit imressqa.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat illi l-fatti f’din il-kawza mhumiex kontestati. L-awtorita’ konvenuta harget tender ghall-kiri tas-siti ghar-reklamar. It-tender gie aggudikat u s-socjeta’ attrici giet allokata diversi siti, izda mhux kollha. Oggezzjonat skont l-Avviz Legali 299/03, regolamenti vigenti f’dak iz-zmien u baghtet id-depozitu relattiv sabiex jinbeda appell. L-Awtorita’ konvenuta wiegbet li l-procedura tal-appell ma kinitx applikabbli u rrifondiet il-hlas li kien sar.

Il-Qorti tibda biex tirrimarka li l-vertenza f’dawn il-proceduri mhijiex il-mertu tat-tender u l-aggudikazzjoni tieghu izda hija limitata ghall-konsiderazzjoni tal-pozizzjoni li hadet l-Awtorita’ li teskludi addirittura l-possibilta’ ta’ appell skont ir-regolamenti vigenti. Dan qed jigi enfasizzat ghaliex il-maggor parti tal-provi mressqa mill-Awtorita’ jirrigwardaw essenzjalment il-mertu tal-aggudikazzjoni.

Din il-Qorti tqis li, fil-kaz in kwistjoni, l-Awtorita’ konvenuta iddecidiet illi r-regolamenti rigwardanti appell ma japplikawx, dan skont l-interpretazzjoni li tat hija stess ghall-istess regolamenti. Issa, kif inhu risaput, f’materja ta’ kompetenza, “il-Qorti adita kellha doverozament tezamina jekk fil-kaz de quo, it-talbiet u l-permessi kinux jaqghu jew le fil-kompetenza taghha” (“Borg vs Vassallo”, deciza fis-16 ta’ Dicembru 2003).

Jidher illi meta ttiehdet id-decizjoni li tigi rifjutata l-oggezzjoni bit-talba ghall-procedura tal-appell, l-Awtorita’ konvenuta kellha l-konfort tal-parir tad-Direttur tal-Kuntratti. Pero’, din il-Qorti tqis li lanqas dan ma jista’ korrettement jeskludi access ghall-Bord tal-Appell bl-interpretazzjoni tieghu. Il-materja ta’ kompetenza tibqa’ dejjem riservata ghall-istess korp

aggudikattiv, parti f'vertenza ma tistax minn jeddha ccahhad id-dritt tal-parti l-ohra li tittenta tfittex jeddijiet taghha.

Ghal hafna zmien tul dawn il-proceduri, jidher li l-Awtorita' konvenuta kienet accettat it-tezi tas-socjeta' attrici u dan jirrizulta minn korrispondenza pprezentata in atti mill-istess awtorita' (ara dokumenti esebiti a fol. 212 et seq). Minn dawn id-dokumenti jirrizulta li, f'xi zmien anke sar ftehim bil-miktub bejn il-partijiet u anke sar xi hlas mitlub mid-Direttur tal-Kuntratti (ara fol. 220). Madanakollu, l-Awtorita' baqghet ma mexxiet xejn.

Fil-kontro-talba taghha mbaghad, l-Awtorita' intimata qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara li r-regolamenti 332/09 huma assolutament inapplikabbli ghat-tender in kwistjoni. Ghal din it-talba, is-socjeta' Faces Consultants tibda biex tilqa' billi ssostni li hija talba improponibbli ghaliex ma jezistux l-elementi preskritti mil-ligi ghall-procedura ta' rikonvenzjoni.

Il-procedura tar-rikonvenzjoni hija dik kontemplata fl-Art. 396 tal-Kap. 12 li jipprovdi illi:

***"396.** Fil-kawżi, il-konvenut jista' jagħmel kontro-talba kontra lattur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jingħad hawn taħt:*

*(a) Meta l-kontro-talba tal-konvenut tkun ġejja mill-istess fatt, jew mill-istess kuntratt jew titolu li minnu tkun ġejja t-talba tal-attur; jew*

*(b) Meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaċi l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b'kull mod ieħor iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha."*

Din il-Qorti tqis li galadarba kellha tintlaqa' t-talba tal-Awtorita' kif espressa fil-kontro-talba mressqa tkun qed tigi fix-xejn l-azzjoni tal-attrici kif proposta. Ghalhekk, l-eccezzjoni ta' Faces Consultants ma tistax titqies li hi valida.

Madanakollu, din il-Qorti tqis li huwa fil-mertu li, ghar-rigward tal-kontro-talba ghandha tinghata ragun is-socjeta' Faces Consultants. L-Awtorita' tat-Trasport qed tistieden lil din il-Qorti tiggudika jekk il-Bord tal-Appell kienx kompetenti fil-materja jew le.

Ghall-istess raguni li ghaliha l-Awtorita' tat-Trasport ma setghetx wahedha tiddetermina kompetenza, lanqas ma tista' din il-Qorti tissindika l-kompetenza o meno tal-istess korp aggudikattiv f'dan l-istadju. Tali skrutinju jidhol fil-kompetenza jekk u meta l-istess korp ikun assuma jew cahad il-kompetenza fil-materja. Ghal din ir-raguni, il-kontro-talba tal-Awtorita' konvenuta ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Faces Consultants Limited u tiddikjara li d-decizjoni tal-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta kontenuta fl-ittra taghha tat-22 ta' Marzu 2005 hija ultra vires u bhala tali hija nulla; tilqa' t-tieni talba u ghall-fini taghha timponi terminu ta' hmistax-il gurnata mil-lum.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi l-kontro-talba tal-Awtorita’ konvenuta billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni ta’ Faces Consultants Limited, tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu u tichad it-talba tal-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta hlief ghal dawk relatati ma’ l-ewwel eccezzjoni moghtija minn Faces Consultants Ltd ghall-kontro-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------